MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2872/2002

**U.C.I.M. Company Limited**

**Vs**

**Lorraine Mamo u zewgha Mario Mamo**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm1,026.00c (elf u sitta u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti import ta' disgha kambjali, debitament accettati u skaduti minn Frar 1999 sa Ottubru 1999 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi Lm6.00c (sitt liri

Maltin) tal-konsult legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' lill-Dr Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------